# SME HELPDESK

PUBBLIKAZZONI 23
16 TA’ MEJJU 2016

# Ġrajjiet Kurrenti

Għeżież ħbieb,

Ilni ftit ma nikkomunika magħkom. Niskuża ruhi ta’ dan, iżda f’dawn l-aħħar ġimgħat, aħna bħala l-Assoċjazzjoni ta’ min Iħaddem konna impenjati bis-sħieħ fuq numru kbir ta’ inizjattivi, li ma ippermettewlix li insib il-ħin sabiex nikkomunika magħkom u għalhekk illum ser nieħu din l-opportunita’ li nwasslilkom ftit minn dak li ġara, mill-ewwel tas-sena lil hawn:

7 ta’ Jannar 2016



*Info session* għall-membri tal-MEA, dwar l-*issue* ta’ingaġġ ta persuni b’diżabilita fid-dinja tax-xogħol.

21 ta’ Jannar 2016



Il-Kunsill tal-MEA ħa sehem f’laqgħa ma’ delegazzjoni tal-Partit Nazzjonalista, immexxija mill-Kap tal-Opposizzjoni Dr. Simon Busuttil.

**Segretarjat ta’ l- MEA:**

*Direttur Ġenerali*
Joseph Farrugia

*Avukat*
Dr. Charlotte Camilleri

*Uffiċċjal Eżekuttiv ta’ l-SME Helpdesk*
Anton Vella

*Segretarja*
Dorianne Azzopardi Cilia

© SME HELPDESK hu ippreparat u ċċirkulat mill-
ASSOĊJAZZJONI TA’ MIN IĦADDEM

35/1, Triq Nofs in-Nhar
Valletta VLT 1100, Malta
t: (+356) 21237585, 21222992
24/7 helpline: (+356) 21222006
f: (+356) 21230227
www.maltaemployers.com




MEA 2015 WINNER
NATIONAL ENTERPRISE SUPPORT AWARDS

28 ta' Jannar 2016



Photo - DOI - Jeremy Wonnacott

*Info session* bit-titolu *"Developments in Data Protection regulations"*

Frar 2016



L-MEA bdiet tinvolvi ruħa fil-proċess ta' konsultazzjoni dwar it-tibdil fl-*"Equality Act"*

4 ta' Frar – 14 ta' April




L-MEA, għal darb'ohra reġgħet ħadet ħsieb torganizza il-kors dwar l-"*Employment law"*

25 ta' Frar 2016



Bħala MEA konna ko-organizzaturi flimkien mal-MEIB, u l-GRTU, ta' *workshop* bit-titolu *"Tackling internal barriers to movement of goods and labour"* bħala parti mis-*Single Market Strategy Forum*, organizzat mill-Kummissjoni Ewropea.

26 ta' Frar 2016




MEA – il-laqgħa Ġenerali Annwali

16 ta' Marzu 2016



*Info session* għal-membri ta' l-MEA, bit-titolu *"The employment of foreign workers in Malta"*

5 ta' April 2016



*Focus group meeting*, u numru ta' *workshops* dwar l-*issue* tal-ħaddiema barranin li jkunu jridu jaħdmu f'Malta.

13 ta' April - 4 ta' Mejju 2016




Ingħata bidu, u 'ssa saħansitra ġa ġie fi tmiemu, kors ieħor interessanti dwar *"Employment – fiscal and practical considerations"*

21 ta' April 2016




L-MEA fasslet u ippreżentat *position paper* dwar l-*issue* tal-ħaddiema barranin li qed jaħdmu f'pajjiżna, jew jixtiequ li jibdew jaħdmu bħalissa.

Wara li l-MEA sejħet lil membri, fuq talba tagħhom stess, u saret diskussjoni miftuħa dwar id-diffikultajiet li huma, bħala *employers* kienu qed jiltaqgħu magħhom waqt il-proċess ta' ingaġġ ta' ħaddiema barranin, speċjalment dawk li ġejjin minn *third world countries*, l-istess MEA ħarget b'*position paper*, u din ġiet ippreżentata lil Awtoritajiet.

F'din il-*position paper* hemm numru ta' proposti u rakkomandazzjonijiet li l-Gvern jista jattwa sabiex tonqos il-burokrazija, jitħaffef il-proċess, u jinstagħab mod ta' kif wieħed jista jinqeda aħjar b'sistema ta' *one-stop-shop*.

28 ta' April 2016




L-iffirmar tal-MoU bejn l-MEA, l-ETC, u il-Malta *Chamber of Commerce, Enterprise & Industry*, dwar kif għandu jitmexxa l-proċess ta' ingaġġ ta' persuni b'diżabilita', skond il-liġi, mingħajr ma jitwettqu inġustizzji jew jiġu ippenalizzati sidien ta' intraprizi minħabba misinterpretazzjonijiet jew nuqqas ta' ftehim bla bżonn. Dan l-MoU għandu jassigura proċess ġust, li għandu jħalli l-frott mixtieq, cioe li aktar persuni b'diżabilita jsibu impjieg, bl-*employers* minn jeddhom jikkoperaw, u jikkontribwixxu mingħajr diffikultajiet.

3 ta’ Mejju 2016



I*nfo session* organizzata mill-MEA b’kollaborazzjoni mal-FORUM (Forum Unions Maltin), bit-titolu “Conflict Resolution and Industrial Relations”.

5 ta’ Mejju - 14 ta’ Lulju 2016




U issa għadu kif reġa ingħata l-bidu għall- *“Employment Law Course”* ieħor (it- tieni wieħed ta’ din is-sena)

…….. u dawn huma biss ftit milL-ħafna xogħol li għaddejjin naħdmu fuqu aħna, bħala s-segretarjat tal-Assoċjazzjoni ta’ min Iħaddem ( l-MEA ) .

Bħalissa u għal ġimgħat li ġejjin ġa hemm ippjanati bosta attivitajiet oħra. Fost dawn ġa bdiet il- ħidma sabiex norganizzaw is-solitu attivitajiet tagħna bħala parti mill-SME WEEK 2016. Iżda dwar dan u aktar ser inkun qed inzommkom aġġornati b’fuljett iehor bħal dan, jekk Alla jrid għal bidu ta’ Ġunju li gej.(Bħal dan iż-żmien xahar).

Min jixtieq aktar informazzjoni, dwar l-attivitajiet li ġa organizzajna, jew dawk li għad irridu norganizzaw, jew saħansitra sabiex issiru membri mal-MEA, tiddejqu xejn tikkuntattjawni, u jien nagħmel mezz li ngħinkom mill-aħjar li nista.

Sa dan intant Grazzi u
Tislijet

Anton

